MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 37/2006

**Emanuel GALEA**

**Vs.**

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-6 ta' Ġunju, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li din il-Qorti tiddikjara li l-konfiska u ż-żamma għal żmien twil ta' vettura tiegħu f'ambjent taħt is-setgħa tal-intimat kienet tissarraf f'indħil mad-dritt tal-proprjeta' tar-rikorrent u li għalhekk seħħ ksur tal-jeddijiet tiegħu kif imħarsin bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"), u dan kemm bħala artikolu indipendenti u kif ukoll meħud

b'rabta mal-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni dwar trattament diskriminatorju. Huwa talab ukoll li l-Qorti tagħti rimedju xieraq u li huwa jingħata kumpens għad-danni materjali li ġarrab minħabba dak il-ksur u kif ukoll għad-danni morali naxxenti mill-stess ksur;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fil-21 ta' Ġunju, 2006, li biha laqa' għall-pretensjonijiet tar-rikorrent billi, preliminarjament, qal li din il-Qorti għandha tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha skond l-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex ir-rikorrent kellu u ma nqediex b'rimedji oħrajn ordinarji dwar l-ilment tiegħu. Fil-mertu, ċaħad l-allegazzjonijiet tar-rikorrent billi qal li l-vettura kienet ilha meħlusa biex tittieħed lura mir-rikorrent sa minn meta ntemmu l-proċeduri kriminali meħudin kontrih, imma kien l-istess rikorrent li irrifjuta li jieħu l-vettura lura għandu qabel ma jingħata wkoll il-liċenza biex jista' jużaha. L-intimat itenni li ma kien hemm l-ebda ndħil fil-jedd tar-rikorrent għal ħwejġu u l-għamil tal-intimat kien ġustifikabbli skond it-tieni *proviso* tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, minbarra li f'dak l-għamil ma mexa bl-ebda mod diskriminatorju mar-rikorrent;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-21 ta' Ġunju, 2006, li fih il-kawża tħalliet għall-provi u t-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat;

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-intimat dwar l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukat tal-intimat dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fit-30 ta' Novembru, 2006[1];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[1] Paġġ. 21-4 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Novembru, 2006, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar allegat ksur tal-jedd fundamentali li persuna tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet u bla xkiel. Ir-rikorrent kien sid ta' *mini bus* li kien fi ħsiebu jaħdem bih biex iġorr in-nies. Minħabba kwestjoni dwar l-għadd ta' postijiet li l-*mini bus* kien jakkomoda, il-Pulizija talbet lir-rikorrent irodd lura l-pjanċi tar-reġistrazzjoni tal-vettura u kif ukoll il-*log book* tagħha. Sakemm l-istess rikorrent għadda minn proċeduri kriminali dwaru, il-*mini bus* inżamm mill-Pulizija. Meta ntemmu l-imsemmija proċeduri, il-vettura nħelset iżda r-rikorrent ma riedx joħodha lura qabel ma tingħatalu wkoll il-liċenza biex ikun jista' jaħdem biha. Ir-rikorrent baqa' ma reġax ħa lura l-vettura. Issa qiegħed jitlob il-kumpens għat-telf ta' dħul minħabba li ma setax jinqeda bi ħwejġu u wkoll għaliex jgħid li l-Pulizija mxiet miegħu mod ieħor minn kif imxiet ma' ħaddieħor fuq vetturi bħalha;

Illi l-intimat qiegħed jgħid li l-*mini bus* inżamm sakemm kien tassew meħtieġ matul il-proċeduri kriminali li kienu għaddejjin fil-Qorti kontra r-rikorrent. Hekk kif dawk il-proċeduri ntemmu, bagħat jgħarraf lir-rikorrent li seta' jirtira l-vettura minn fejn kienet miżmuma. Imma, billi r-rikorrent ried li, mal-vettura, jingħata wkoll il-liċenza biex ikun jista' jaħdem biha, r-rikorrent baqa' ma jridx jirtiraha. Minħabba f'hekk, l-intimat jgħid li kien ir-rikorrent innifsu li naqas milli jħares il-jeddijiet tiegħu u li ma ħax ir-rimedji li kienu disponibbli għalih, u issa, wara bosta snin, fetaħ il-kawża kostituzzjonali. Għalhekk, jgħid li din il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha. Ressaq ukoll eċċezzjonijiet oħrajn fil-mertu;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar jekk il-Qorti għandhiex tieqaf milli teżerċita s-setgħat tagħha biex tkompli tisma' din il-kawża;

Illi mil-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li r-rikorrent kien kiseb vettura *second hand* tal-għamla *Mercedes*, reġistrat S-5260. F'xi żmien matul l-1984, l-imsemmija vettura ttieħdet mill-Pulizija u nżammet fil-garaxx tagħhom f'Saint Andrews. F'Ottubru tal-1984[2], ingħatat ordni mill-kwartieri ġenerali tal-Korp biex l-imsemmija vettura tinħeles u tingħata lura lir-rikorrent, iżda l-pjanċi u l-*log book* kellhom jinżammu fl-imsemmi garaxx. F'Novembru tal-1986, il-Qorti tal-Maġistrati sabet lir-rikorrent ħati li saq l-imsemmi vann mingħajr liċenza u mhux koperta minn polza ta' assikuazzjoni, u kif ukoll li saqu bi pjanċi mhux skond ir-regolamenti. Ir-rikorrent kien appella. B'sentenza tad-9 ta' Frar, 1989[3], il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat is-sentenza, imma għar-rigward tal-piena, ordnat ir-rilaxx tal-vettura. Sal-2003, kienet għaddejja korrispondenza[4] mal-Pulizija biex ir-rikorrent jieħu lura l-vettura. Il-kawża nfetħet f'Ġunju tal-2006;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali dwar l-eċċezzjoni taħt eżami, huwa meħtieġ mil-liġi nnifisha illi biex il-Qorti tagħżel li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha biex tistħarreġ ilment dwar ksur ta' jedd fundamentali trid tkun sodisfatta li min iressaq ilment "kostituzzjonali" quddiemha għandu jew kellu mezzi xierqa għal rimedju favurih dwar dak l-allegat ksur skond xi liġi ordinarja oħra. Wara li tara li tali rimedju kien disponibbli, l-Qorti tkun trid xorta waħda tqis li jkun desiderabbli li ma teżerċitax dawk is-setgħat;

Illi fil-kawża tal-lum, l-intimat jibni din l-eċċezzjoni fuq l-argument li r-rikorrenti kellu rimedji oħra ta' xejra "ordinarja" li fuqhom seta' talab l-għoti ta' rimedju, u dan sa minn żmien qabel ma rrikorra għal din il-kawża. L-għaref avukat tal-intimat indikat li r-rikorrent seta' jipproċedi kontra l-istess intimat b'kawża "ordinarja" biex jordnalu li joħroġlu liċenza biex ikun jista' jaħdem bil-*mini van* u fiha jġorr in-nies biex jaqla' l-għixien tiegħu;

---

[2] Dok "KTP2", f'paġ. 15 tal-proċess
[3] Dok "TP1", f'paġġ. 12-4 tal-proċess
[4] Dokti "KTP3" u "KTP4", f'paġġ. 11 u 19 tal-proċess

Illi r-rikorrent iwarrab dan l-argument minħabba li jisħaq li l-intimat ma qalx liema huwa r-rimedju ordinarju li r-rikorrenti kellu. Iżidu jgħid ukoll li l-fatt li fit-tejorija wieħed jista' jiftaħ kawża ma jissarrafx awtomatikament f'rimedju effettiv;

Illi minħabba li r-rikorrent qiegħed iressaq l-ilment tiegħu taħt il-Konvenzjoni, joħroġ li l-eċċezzjoni li l-Qorti jmissha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[5]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li xorta waħda ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad dan l-aħħar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja

[5] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfitxxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[6];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[7]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[8];

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[9]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[10];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li

---

[6] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[7] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[8] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[9] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[10] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

jeżistu meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali meżżi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' meżżi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija meżżi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[11]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[12]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[13];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża

[11] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

[12] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

[13] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[14]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha tiġi wżata fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u toħloq bilanċ biex, mill-banda l-waħda, twaqqaf lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali, u mil-banda l-oħra żżomm milli jiġi maħluq xkiel bla bżonn lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[15];

Illi meta l-Qorti tgħarbel sewwa l-fatti li ħarġu sa issa f'din il-kawża u tqabbilhom mal-prinċipji li għadhom kemm issemmew, issib li m'għandhiex tilqa' l-eċċezzjoni preliminari. Mhux biss ma ssemmiex x'kien tassew ir-rimedju effettiv li r-rikorrent seta' jieħu fiż-żmien rilevanti kontra l-intimat (mhux billi tgħid li seta' jiftaħ kawża, jekk kemm-il darba azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju setgħet issir biss fi żmien limitat u ma kinitx għadha teżisti qabel ma għaddew minn tal-anqas sitt snin minn mindu l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ordnat li l-vettura tinħeles minn idejn il-Plzija), iżda meta talab li l-intimat jerġa' jikkonsidra l-ħruġ tal-liċenza, dan wieġbu billi qallu li dwar talba bħal din kellu jħabbat il-bieb tal-Awtorita' dwar it-Trasport;

Illi b'żieda ma' dan kollu, jidhrilha li m'huwiex mixtieq li l-kwestjoni mqanqla mir-rikorrent titħalla mingħajr l-istħarriġ ta' l-ilment fil-qofol tiegħu (jiġifieri kemm tal-eżistenza tal-ksur tal-jedd lamentat u kif ukoll taċ-ċirkostanzi li wasslu biex ir-rikorrent jibda dawn il-proċeduri wara tant snin);

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi:

Billi **tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimat u tqis li hija għandha teżerċita s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' u tistħarreġ il-kawża fil-mertu; u

Tħalli l-kawża għall-provi tar-rikorrent għas-smigħ ta' nhar it-22 ta' Mejju, 2007, tissejjaħ fl-għaxra u nofs ta' fil-għodu.

---

[14] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***

[15] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***

L-**ispejjeż** ta’din is-sentenza jitħallsu mill-intimat.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------